**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-4 ta' Frar 2016

Appell Nru: 530/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Ibrahim Mohammed Shalh Adem**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Ibrahim Mohammed Shalh Adem detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 78742A talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Awwissu 2015 u matul il-jiem ta' qabel din id-data: 1) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu u 2) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet

li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar il-23 ta' Novembru, 2015, li biha, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni) u kkundannatu ghall-piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** – mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li taghhom qieghed hawn jinstab hati – u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)**. L-appellant kien ukoll ordnat, fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-ammont ta' €505.55 kif ukoll il-konfiska ta' €145;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ibrahim Mohammed Shalh Adem, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Dicembru, 2015, li bih talab lill-din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokha in kwantu l-esponent instab hati tal-ewwel akkuza u minnha tehilsu u tilliberah, billi tirrevokaha fir-rigward tal-piena ta' ghaxar xhur prigunerija inflitta fuq l-esponent u tal-kundanna tieghu ghal-hlas ta' multa ta' seba' mija u hamisn ewro (€750), tirrevokaha fir-rigward tal-kundanna tal-esponent ghal-hlas tal-ispejjez peritali li saru matul il-kawza, u tirrevokaha fir-rigward tat-tieni akkuza migjuba kontra l-esponent, u fi kwalsiasi kaz billi tinfliggi piena ohra li tkun taghmel aktar ghac-crikostanzi kollha tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, pprezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel gravam ta' dan l-appell jirrigwarda jekk l-Ewwel Qorti setghetx ragjonevolment ssib htija fl-imputat dwar il-pussess aggravat tas-sustanza misjuba fil-pussess tieghu, jigifieri r-raza tal-Cannabis u dan ghaliex, skond hu, l-kaz kontra tieghu huwa mibni biss fuq indizji li mghandhomx il-kwalita' tal-univocita'. Jibda biex jinghad illi mill-assjem tal-provi mressqa huwa pacifiku illi l-appellant kien misjub b'ammont ta' raza tal-Cannabis mizmuma f'pakkett ta' sigaretti waqt illi kien qieghed gewwa Paceville flimkien ma' zewgt ihbieb tieghu. L-ammont in kwisjtoni kien ta' 9.67 grammi maghmulha minn tmien bicciet u hames bicciet ohra hafna izghar. L-appellant ma jikkontestax il-fatt illi dawn kien jappartjenu lilu izda jinsisti li dawn kienu ghall-uzu esklussiv tieghu;

Din il-Qorti fliet l-atti processwali u ezaminat bir-reqqa is-sentenza appellata u jirrizulta illi l-Magistrat decident in prim'istanza ghamlet apprezzament ferm approfondit tal-fatti migjuba quddiemha. Fil-kaz hawn skrutinat ix-xenarju huwa wiehed semplici: Persuna misjuba b'ammont ta' raza tal-Cannabis li gia *prima facie* iqanqal diversi kweziti, li izda ma jkun fil-pussess ta' ebda haga ohra hlief ammont ta' flus u telefon cellulari u xejn aktar. L-Ewwel Qorti izda kellha quddiemha numru ta' cirkostanzi ohra, fosthom il-verzjonijiet konflingenti li l-appellant ta lill-ufficcjali tal-pulizija kompriz li hu ma jpejjipx Cannabis u li dik kienet ser tkun l-ewwel darba tieghu tant li minghand min xtraha kellu jurih aktar tard kif ihejji *joint* meta minn ritratti fuq it-telefon tieghu stess jidher qieghed ipejjep *joints* ta' xi sustanza li f'ritratti ohra tidher,ghalkemm

mhux b'certezza, li hija Cannabis. L-istat finanzjarju tal-appellant, jigifieri, prattikament ta' persuna dizokkupata li taghmel xi ftit xoghol 'l hawn u 'l hinn u li minkejja dan tonfoq bejn €70 u €100 kull darba li jmur Paceville u dan madwar tlett ijiem fix-xahar ukoll kien cirkostanza li l-Qorti qieset b'kawtela ghaliex ma setghetx tirrinkoncilja dak il-fatt mal-fatt li bniedem jonfoq prattikament gidu biex jixtri 9.6 grammi Cannabis fl-ewwel okkazzjoni li kien fi hsiebu jibda dan il-vizzju, liema ammont l-Magistrat decident gustament ikkalkolat li ghandu potenzjal ta' 48 *joint*;

Illi minn ezami tal-fatti processwali, din il-Qorti hija konvinta li l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghal-sejbien ta' htija fl-imputat dwar l-ewwel akkuza u ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud;

Illi fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx ssib htija dwar it-tieni imputazzjoni la darba r-reat taht l-ewwel u tieni imputazzjoni huwa l-istess wiehed, igifieri ksur tal-artikolu 8(a) tal-Ordinanza Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta bl-ewwel imputazzjoni aggravata bis-sahha tal-artikolu 22(2)(b) tal-istess Kapitolu. L-appellant ghandu ragun dwar dan il-gravam ghaliex t-tieni imputazzjoni, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma setghetx tkun hlief wahda alternattiva ghall-ewwel wahda. Is-sejbien ta' htija kwantu it-tieni imputazzjoni jirreferi ghall-istess fatti li taw lok ghall-prosekuzzjoni b'success dwar l-ewwel imputazzjoni. Fl-assjem tal-provi jemergi illi mit-telefon cellulari tal-appellant kienu skoperti ritratti tieghu qieghed apparentement ipejjep sustanza apparentement illecita. L-appellant ma kienx processat dwar dan u anqas seta jkun hekk ghaliex dawk ir-ritratti ma kienux mgharufa lill-prosekuzzjoni hlief waqt l-*iter* tal-process wara li rrelata l-espert

mahtur mill-Qorti. Dawk ir-ritratti kienu ta' utilita' biss dwar l-ewwel akkuza meta l-Ewwel Qorti deherilha li l-appellant ma kienx kredibbli meta qal li qatt ma kien ikkonsma droga fil-passat. Kien ghalhekk ukoll illi l-Ewwel Qorti ma espremiet l-ebda konsiderazzjoni dwar t-tieni imputazzjoni proprju ghaliex il-fatti dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni kienu l-istess, ergo fatti inseparabbli li taw l-lok ghall-unicita' tar-reat. L-Ewwel Qorti ghalhekk kellha tghaddi sabiex tillibera lill-appellant fuq it-tieni imputazzjoni bhala wahda alternattiva;

L-appellant jilmenta ukoll mill-ordni tal-Ewwel Qorti li kkundannatu ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti minnha nominati. Jghid illi huwa minnufih ammetta illi s-sustanza misjuba fuqu kienet raza tal-Cannabis u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ta' verifika ulterjuri. Anqas ma kien hemm il-htiega tan-nomina ta' Dr. Martin Bajada biex janalizza t-telefon cellulari tal-appellant li fuqu ma nstab xejn (ghajr ritratti fuq *Micro SD Card*.) L-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 jiddisponi li l-Qorti **<u>ghandha</u>**, meta taghti s-sentenza, tikkundanna l-hati ghall-hlas li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti fil-proceduri. Naturalment wiehed jista' jargumenta illi dan u dak l-espert ma kienux mehtiega f'kull kawza wara d-determinazzjoni taghha izda la darba tali nomina tkun mehtiega ghal-gudizzju seren meta, bhal fil-kaz hawn skrutinat, l-imputat qatt ma rregistra ammissjoni u wisq anqas ikkontesta n-nomini tal-esperti jew almenu rregistra xi rizerva, din il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' b'success dan il-gravam;

Lanqas ma jista' jkun konsiderat favorevolment ghall-appellant l-aggravju tieghu dwar l-konfiska tas-somma ta' €145 misjuba fil-pussess tieghu. Huwa iressaq bhala argument li ma kienx hemm nitfa ta' prova li dawn il-flus kienu l-frott ta' xi attivita' kriminali da parti tieghu. L-Ewwel Qorti kienet cara f'dan ir-rigward meta kkonkludiet illi "*l-imputat kien jonfoq*

*ammont ta' flus li qajla jista' jinghad li kien jikkombacja mad-dhul tieghu… L-imputat ma setax imantni din il-hajja, bid-dhul ta' bejn wiehed u iehor €150 f'xahar"* kontra infieq ta' bejn €210 u €300 fix-xahar ghad-divertiment tieghu f'Paceville. Kienet ghalhekk il-konkluzzjoni logika tal-Ewwel Qorti illi l-provenjenza tal-flus fuqu misjuba kienet tassew illecita ghaliex "*huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn band'ohra sabiex imantni l-istil ta' hajja tieghu"*;

Illi kwantu ghall-hames aggravju li jirrigwarda l-piena inflitta, din il-Qorti, ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Magistrat decident la darba l-piena hija sew fil-parametri moghtija mil-ligi u xejn ma juri li kellha tkun anqas minn dik ravvizata fil-ligi u dan anke bil-liberazzjoni tal-appellant fuq it-tieni imputazzjoni;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabiet lill-apppellant hati tal-ewwel imputazzjoni u f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' ghaxar (10) xhur u ghal hlas ta' multa ta' €750 oltre li ordnat il-konfiska tas-somma ta' €145 misjuba fil-pussess tieghu u ordnatlu jhallas l-ispejjez peritali fl-ammont komplessiv ta' €505.55 u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u minflok minnha tilliberah minn kull htija u piena.